

Brussell, 22 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9399/26

Fajls Interistituzzjonali:
2026/0011 (COD)
2026/0012 (COD)

LIMITE

CYBER 229
JAI 606
DATAPROTECT 161
TELECOM 239
MI 489
IND 342
CADREFIN 220
FIN 697
BUDGET 19
CSC 316
CODEC 937

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), il-qafas Ewropew taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà, u s-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT u li jħassar ir-Regolament (UE) 2019/881 (L-Att dwar iċ-Ċibersigurtà 2) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2022/2555 fir-rigward tal-miżuri tas-simplifikazzjoni u l-allinjament mal-[Proposta għall-Att dwar iċ-Ċibersigurtà] - Rapport ta' progress

Il-Presidenza fasslet rapport ta' progress dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), il-qafas Ewropew taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà, u s-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT u li jħassar ir-Regolament (UE) 2019/991 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà 2), sabiex tirrapporta dwar il-ħidma mwettqa sa issa mill-korpi preparatorji tal-Kunsill u dwar is-sitwazzjoni attwali fl-eżami tal-proposta.

INTRODUZZJONI

1. Fl-20 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni pproponiet pakkett ġdid dwar iċ-ċibersigurtà biex issaħħaħ ir-reżiljenza u l-mezzi taċ-ċibersigurtà tal-UE. Il-pakkett jikkonsisti f'**Regolament** dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), il-qafas Ewropew taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà, u s-sigurtà tal-katina tal-provvista tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) u jħassar ir-Regolament (UE) 2019/881 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà). Dan ir-Regolament ("l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà 2") huwa kkomplementat minn **Direttiva** li temenda d-Direttiva (UE) 2022/2555 (id-Direttiva NIS 2) fir-rigward tal-miżuri ta' simplifikazzjoni u l-allinjament mal-[Proposta għall-Att dwar iċ-Ċibersigurtà].
2. Qabel il-proposta, il-Kunsill, fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar l-ENISA tas-6 ta' Diċembru 2024¹, stieden lill-Kummissjoni teżamina u ssaħħaħ aktar ir-rwol tal-ENISA fl-appoġġ tal-kooperazzjoni operazzjonali fil-livell tal-UE u fost l-Istati Membri fit-tisħiħ tar-reżiljenza ċibernetika, b'kont meħud tal-kompetenzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni ntalbet ukoll tiżgura li l-mandat tal-ENISA biex tappoġġa lill-Istati Membri jkun iffukat u definit b'mod ċar, b'objettivi strateġiċi konkreti u kompiti prijoritizzati, flimkien ma' diviżjoni aktar preċiża tal-kompiti u l-kompetenzi fir-rigward ta' atturi oħra. Il-Kunsill ħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni tuża l-opportunità tal-evalwazzjoni tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà biex issib modi biex jiġi adottat approċċ aktar effiċjenti, ibbażat fuq ir-riskju kif ukoll aktar trasparenti u aktar rapidu għall-iżvilupp ta' skemi tal-UE ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà. Barra minn hekk, fil-Konklużjonijiet² tiegħu tal-21 ta' Mejju 2024 dwar il-futur taċ-ċibersigurtà, il-Kunsill enfasizza l-impenn tiegħu li jiżgura ktajjen tal-provvista siguri tal-ICT u enfasizza r-rilevanza ta' fatturi ta' riskju mhux tekniċi, inkluż influwenza indebita minn Stati terzi fuq il-fornituri u dawk li jipprovdu servizzi. Fl-aħħar nett, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill³ tas-17 ta' Ottubru 2022 dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT enfasizzaw il-hteġġa li jissaħħu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista tal-ICT, filwaqt li jitqies l-impatt tat-tensjonijiet u d-dipendenzi ġeopolitiċi fuq il-prodotti u s-servizzi tal-ICT.

¹ 16527/24

² 10133/24

³ 13664/22

3. L-għan tal-proposta għal Regolament, li hija bbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, huwa li ssaħħaħ il-qafas taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni. Din issaħħaħ ir-rwol u l-kompiti tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) biex tappoġġa lill-Istati Membri u lill-entitajiet tal-Unjoni jiksibu livell għoli ta' ċibersigurtà, reżiljenza u fiduċja fl-Unjoni. Għandha l-għan li tagħmel il-Qafas Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà (ECCF) aktar effettiv u effiċjenti sabiex jippermetti żvilupp u implimentazzjoni aktar rapidi tal-iskemi. Il-proposta tistabbilixxi wkoll qafas tal-Unjoni dwar is-sigurtà affidabbli tal-katina tal-provvista tal-ICT, li jindirizza fatturi ta' riskju u dipendenzi mhux tekniċi li jaffettwaw is-sigurtà tal-infrastruttura u s-servizzi kritiċi tal-ICT. Dan huwa akkumpanjat minn miżuri ta' simplifikazzjoni mmirati relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva NIS 2⁴, li għandhom l-għan li jissimplifikaw ir-rekwiżiti ta' konformità, inaqqsu l-piż amministrattiv bla bżonn u jżidu ċ-ċarezza legali.
4. Il-pjan direzzjonali "Ewropa Waħda, Suq Wieħed"⁵ iffirmit fil-marġini tal-laqgħa informali tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern li saret f'Ċipru fl-24 ta' April 2026, jinkludi din il-proposta bħala waħda mir-riżultati tanġibbli ta' prijorità.
5. Il-Parlament Ewropew ħatar lis-Sa Gregorová Markéta (Ħodor/AHE) bħala rapporteur tal-Kumitat ITRE, li huwa l-kumitat responsabbli għas-suġġett.
6. Fid-29 ta' April 2026, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ħareġ opinjoni dwar il-proposta⁶.

⁴ ĠU L 333, 27.12.2022, pp. 80.

⁵ 8473/26

⁶ 8980/26

SITWAZZJONI ATTWALI TAL-ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

7. Saret preżentazzjoni ġenerali tal-pakkett dwar iċ-ċibersigurtà f'laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju (HWPCI) fis-26 ta' Jannar 2026 u f'laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-28 ta' Jannar 2026.
8. L-HWPCI beda jiddiskuti l-proposta fit-2 ta' Frar 2026 bi preżentazzjoni dettaljata mill-Kummissjoni. Matul din il-preżentazzjoni, il-Kummissjoni introduċiet ukoll is-sejbiet tar-rapport ta' evalwazzjoni, id-dikjarazzjoni finanzjarja u l-valutazzjoni tal-impatt.
9. L-HWPCI beda l-qari tar-Regolament propost fit-23 ta' Frar 2026.
10. L-Istati Membri laqgħu l-proposta u appoġġaw b'mod ġenerali l-oġġettivi ġenerali tagħha, b'mod partikolari t-tisħiħ tal-appoġġ tal-ENISA għall-kooperazzjoni operazzjonali tal-Istati Membri u s-simplifikazzjoni tal-qafas taċ-ċertifikazzjoni. Madankollu, id-diskussjonijiet urew ukoll li diversi aspetti tal-proposta jkunu jeħtieġu eżami ulterjuri. Id-delegazzjonijiet talbu aktar kjarifiki dwar ir-rwol u l-kompiti operazzjonali akbar previsti għall-ENISA bħall-ħruġ ta' twissijiet bikrija, il-ħolqien ta' helpdesk dwar ir-ransomware u r-rwol tal-ENISA fin-network tas-CSIRTs. Diversi delegazzjonijiet esprimew dubji dwar l-implikazzjonijiet għall-Istati Membri, f'termini ta' riżorsi, marbuta mal-kontribut propost ta' żewġ esperti nazzjonali sekondati (SNEs) għal kull Stat Membru biex jappoġġaw il-kompiti tal-ENISA. Ir-regoli tal-votazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija jeħtieġu wkoll aktar diskussjonijiet. Il-ħtieġa għal aktar ċarezza u preċiżjoni rigward id-definizzjonijiet u l-kunċetti użati fil-proposta kollha ġiet enfasizzata mid-delegazzjonijiet. Il-kompożizzjoni tal-baġit tal-ENISA, b'mod partikolari l-impożizzjoni ta' tariffi, kienet teħtieġ ukoll aktar kjarifiki.

11. B'mod ġenerali, id-dispożizzjonijiet il-ġodda biex il-proċess ta' ċertifikazzjoni jsir aktar effettiv u effiċjenti ntlaqgħu iżda ġiet identifikata hteġa ġenerali għal parteċipazzjoni akbar tal-Istati Membri matul il-proċess ta' ċertifikazzjoni. In-natura volontarja taċ-ċertifikazzjoni ntlaqgħet b'mod ġenerali. Madankollu, id-delegazzjonijiet esprimew dubji dwar xi wħud mill-iskadenzi proposti taħt il-qafas ta' ċertifikazzjoni.
12. Id-diskussjonijiet dwar il-Qafas Fdat tal-Katina tal-Provvista tal-ICT enfasizzaw diversi punti ta' tħassib fost l-Istati Membri. Id-delegazzjonijiet appellaw għal aktar kjarifiki dwar il-metodoloġija u l-proċeduri għall-identifikazzjoni ta' assi ewlenin tal-ICT u fornituri ta' riskju għoli, kif ukoll dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt possibbli tal-miżuri proposti. L-importanza li jiġi żgurat livell xieraq ta' involviment tal-Istati Membri ġiet enfasizzata mid-delegazzjonijiet.
13. Diversi delegazzjonijiet daħħlu riżervi ta' skrutinju dwar partijiet differenti tal-proposta, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspetti ta' governanza, l-użu ta' atti ta' implimentazzjoni u l-mekkaniżmu propost għall-identifikazzjoni ta' fornituri b'riskju għoli u s-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT.
14. Wara d-diskussjonijiet fl-HWPCI, l-Istati Membri ġew mistiedna jippreżentaw kummenti bil-miktub dwar id-dispożizzjonijiet relatati mat-Titolu I dwar id-dispożizzjonijiet ġenerali u t-Titolu II dwar l-ENISA. 23 Stat Membru ppreżentaw kontributi. Aktar tard, l-Istati Membri ġew mistiedna wkoll jipprovdu kummenti bil-miktub dwar it-Titolu III dwar il-qafas Ewropew taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà. 20 Stat Membru ħadu l-opportunità li jippreżentaw il-pożizzjonijiet tagħhom bil-miktub.
15. Abbażi ta' dawn il-kontributi bil-miktub mill-Istati Membri u l-ħidma fi ħdan l-HWPCI, il-Presidenza ser tfassal test ta' kompromess dwar it-Titoli II (ENISA) u III (Qafas Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà) li ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa tal-HWPCI fil-bidu ta' Ġunju 2026.

16. Diversi Stati Membri talbu lis-Servizz Legali tal-Kunsill jeżamina l-adegwatezza tal-bażi legali.
 17. Il-Presidenza ser tibda l-qari dwar il-miżuri ta' simplifikazzjoni tad-Direttiva NIS 2 fl-aħħar ta' Mejju 2026.
 18. B'kollox, l-HWPCI ser ikun organizza total ta' 15-il laqgħa dwar il-proposta tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà 2 taħt il-Presidenza Ċiprijotta.
 19. Abbażi tal-progress li sar taħt il-Presidenza Ċiprijotta, il-Presidenza Irlandiża li jmiss qed tippjana li tkompli l-ħidma fuq dan il-fajl importanti.
 20. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota tal-progress li sar fir-rigward tal-eżami tal-proposta għal Regolament.
-